MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 3/2001/1

Noel Sultana .

vs

Emanuel Cassar

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti jhallas lill-attur is-somma ta' hames mija u sittax-il lira Maltin u tletin centezmu (Lm516.30) dovuti lilu bhala hlas ta' *spare parts* u xoghol ta' tiswija li sar mill-attur fuq il-vettura tieghu tal-marka *eep Chrokee* bin-numru tar-registrazzjoni BBG 713, liema xoghlijiet saru fuq inkarigu tieghu .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju pprezentat kontra tieghu u bl-imghaxijiet skond il-Ligi .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju ghal li gej, l-azzjoni promossa mill-attur hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta .
2. Illi l-pretensjonijiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attur ma biegh l-ebda spare parts lill-konvenut .
3. Illi, minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, kull xoghol illi setgha sar mill-attur fuq il-vettura tal-konvenut ma kienx wiehed skond dak illi tirrikjedi s-sengha u l-arti .

Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif premessi mill-Ligi .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi ghal din it-talba ghall-hlas ta' l-attur, il-konvenut eccepixxa fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 . Din hija l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar applikabbli ghat-tip ta' talba maghmula mill-attur, u cioe' l-hlas ghal xoghol ta' bdil ta' *spare parts* fuq il-vettura tal-konvenut u spejjez ghall-istess *parts* . Mistoqsi kemm kien ilu li sar dan ix-xoghol, l-attur fid-depozizzjoni tieghu tal-25 ta' Mejju 2001 wiegeb kontestwalment : "*Sentejn ilu qisu, madwar sentejn ilu*"[1] . Il-kawza prezenti giet intavolata fid-19 ta' Jannar 2001, u ghalhekk qrib hafna taz-zmien ghal l-gheluq tal-perijodu ta' din il-preskrizzjoni . Pero' fil-mankanza ta' prova konkreta illi dan il-perijodu kien tassew skada, ma tistghax tilqa' din l-eccezzjoni .

Fit-tieni eccezzjoni tieghu, il-konvenut isostni illi l-attur ma beghlu ebda *spare parts* . Imma mill-kopja tal-fattura

[1] Ara xhieda ta' l-attur a fol. 11 tal-process .

esebita bhala “Dok. NS 1” u kkonfermata bil-gurament ta’ l-attur fl-udjenza tal-5 ta’ April 2001, jirrizulta illi fit-tiswija tal-vettura tal-konvenut htieglu jibdel diversi *parts* indikati kollha fuq l-istess fattura[2] . Fin-nuqqas ta’ ebda prova da parti tal-konvenut li baqa’ qatt ma ta d-depozizzjoni tieghu, l-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex hemm ghalfejn tiddubita mill-veracita’ ta’ din il-fattura .

Lanqas dwar it-tielet eccezzjoni li x-xoghol li seta’ sar ma kienx skond is-sengha u l-arti, ma ngiebet ebda hjiel ta’ prova .

F’tali cirkostanzi ma jibqa’ ebda raguni ghaliex it-talba attrici m’ghandiex tigi milqugha .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ hames mija u sittax il-lira maltija u tletin centezmu (Lm516.30) dovuti ghax-xoghol u *spare parts* indikati fl-Avviz .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju pprezentat kontra l-konvenut, u bl-interessi legali mid-data tal-prezentata ta’ dan l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess konvenut .

S301Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] a fol. 7 tal-process .